**19 ta' Novembru, 1984**

**Imħallef:-**

**Onor. Joseph D. Camilleri B.A., LL.D.**

Albert W. Salomone fil-kwalità tiegħu ta' mandatarju speċjali tas-soċjetà St. Paul's Tobacco Company (City of London) Limited Inc. tar-Repubblika ta' Panama in rappreżentanza ta' l-istess soċjetà

*versus*

Kontrollur tal-Proprjetà Industrijali u b'digriet tad-29 ta' Novembru, 1983, l-Avukat Dr. Henry C. Vassallo ġie nominat kuratur deputat biex jirrappreżenta lil kull min għandu interess

## *Trade Mark* - Proprjetarju ta' - Korrezzjoni fi

*Il-Qorti laqgħet talba attriċi għall-korrezzjoni f'isem il-proprjetarju ta'* Trade Mark.

Il-Qorti:-

Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur *nomine* wara li ppremetta illi t-*trade mark* Hyde Park ġiet irreġistrata f'Malta fit-22 ta' Settembru, 1981, bħala proprjetà tas-soċjetà St. Paul Tobacco Company (City of London) Limited Inc., soċjetà reġistrata fir-Repubblika tal-Panama; u peress li l-attur *nomine* fl-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni indika l-isem tas-soċjetà ħażin billi naqas li jżid wara l-kliem "St. Paul" l-*apostrophe* u l-ittra "s" ('s); u peress li għalhekk l-attur *nomine* jixtieq jemenda r-reġistrazzjoni billi ssir il-korrezzjoni fuq imsemmija f'kull dokument li għandu x'jaqsam ma' l-applikazzjoni u reġistrazzjoni tat-*Trade Mark* numru 14462 Hyde Park; l-istess attur *nomine* talab li din il-Qorti tordna lill-Kontrollur tal-Proprjetà Industrijali biex jemenda ċ-ċertifikat relattiv għat-*Trade Mark* numru 14462 Hyde Park kif ukoll fi kwalunkwe dokument jew applikazzjoni għar-reġistrazzjoni li tirrigwarda din il-marka billi kull fejn jidhru l-kliem "St. Paul" iżid magħhom l-*apostrophe* u l-ittra "s" ('s) u dan taħt dawk il-provvedimenti li din il-Qorti jogħġobha tistabbilixxi, bl-ispejjeż kontra l-konvenuti *nomine*;

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda ta' l-attur *nomine*;

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet tal-konvenut Dr. Henry C.

Vassallo li biha eċċepixxa illi mhux edott mill-fatti u jirrimetti ruħu għall-ġudizzju ta' din il-Qorti;

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet tal-konvenut l-ieħor, il-Kontrollur tal-Proprjetà Industrijali, li biha eċċepixxa illi, filwaqt li huwa ma jopponix ruħu għall-emenda mitluba mill-attur, diment li ssir il-prova tan-neċessità tagħha u tal-fatt li si tratta unikament f'korrezzjoni ta' isem ta' kumpannija għal skopijiet ta' eżattezza, huwa jissottometti illi stante li l-istess emenda saret neċessarja minħabba żball ta' l-attur stess (kif jirriżulta mill-istess ċitazzjoni) huwa l-attur li għandu jbati l-ispejjeż kollha ta' din il-proċedura;

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tal-konvenut;

Eżaminat bir-reqqa l-provi kollha li tressqu, kif ukoll l-atti l-oħra kollha tal-kawża;

Semgħet it-trattazzjoni ta' l-avukati;

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi jirriżulta mhux kontradett li:

Illi s-soċjetà St. Paul's Tobacco Company (City of London) Limited Inc. ta' Panama talbet u ottjeniet ir-reġistrazzjoni tat-*Trade Mark* 14462 Hyde Park;

Illi erronjament fl-applikazzjoni relattiva l-isem tal-proprjetarju tat-*Trade Mark* ġie indikat bħala St. Paul (flok St. Paul's) Tobacco Company (City of London) Limited Inc. u dan l-iżball ġie riprodott fiċ-ċertifikat maħruġ mill-Kontrollur;

Illi din il-kawża qegħda ssir biex jiġi rettifikat dan l-iżball kull fejn jidher fid-dokumentazzjoni relattiva għat-*Trade Mark* Hyde Park 14462;

Illi, għalhekk, it-talba dedotta fiċ-ċitazzjoni tidher ġustifikata u għandha tintlaqa' - b'dan li ma jidhirx ġust li l-konvenuti jsofru ebda spejjeż, għax il-kawża saret neċessarja żball ta' l-attur;

Għal dawn il-motivi:

Tiddeċidi billi tilqa' t-talba ta' l-attur kif dedotta fiċ-ċitazzjoni - bl-ispejjeż kontra l-attur *nomine*.